**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Camilleri**

Numru: 540/2014

Illum 2 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Camilleri**, bin George u Nazzarena nee' Attard, imwieled fil-25 ta' Ottubru 1970 u residenti fil-fond 'Neq Nieq', Triq il-Madonna tal-Karmu, Munxar, Ghawdex jew Pace Flats, Flat 4, Triq il-Firilla, Ghajsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 27870G, akkuzat talli fil-11 ta' Awwissu 2014 u fil-granet u x-xhur ta' qabel gewwa Kemuna u f'partijiet ohra f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti;

1. Talli ghamel uzu minn bastiment bl-isem Georgea 2 minghajr ma kien registrat mal-Awtorita' Kompetenti (Reg 45, Skeda 3 tal-LS 499.52 u Art 3(1) tal-L.S. 499.52);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn bastiment Georgea 2 minghajr ma gedded ir-registrazzjoni tal-imsemmi bastiment mal-Awtorita' Kompetenti (Reg 45 Skeda 3 tal-LS 499.52);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn bastiment Georgea 2 minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni (Art 5(1) tal-LS 499.52);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza fejn kien gie moghi l-liberta' kondizzjonata mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D. nhar is-17.10.2013 (Art 22 Chap 446 of the Laws of Malta);

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghwdex) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra (Art 49/50 tal-Kap 9);

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim Imhallef.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u d-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi d-difiza baqghet ma pprezentatx is-sottomissjoni taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi fit-13 ta' Novembru 2015, il-Prosekuzzjoni pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti fil-qosor:**

Il-kaz imur lura ghall-11 ta' Awissu 2014 meta sehh incident f'Kemuna. L-imputat kien akkuzat li ghamel uzu minn bastiment bl-isem Georgea 2 minghajr ma kien irregistrat u kif ukoll minghajr ma gedded r-registrazzjoni tal-imsemmi bastiment mal-Awtorita' Kompetenti u dan bi ksur tal-Iskeda 3 (Regolament 45) tal-LS499.52. Irrizulta ukoll li s-sewqan tal-bastiment sar minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**Livell ta' prova:**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller vs Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali), deciza fid-19 ta' Mejju 1997 gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn

ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

Mix-xhieda moghtija minn **<u>Patrick Pollacco</u>**[1], ufficjal ta' Transport Malta rrizulta li hu nforma lill-Pulizija li l-imputat kien qieghed jaghmel uzu minn bastiment bl-isem ta' Georgea 2 u dan ma kienx in regola.

**<u>PC278 Michael Tabone</u>**[2] xehed li nhar il-11 ta' Awissu 2014 huwa kien ghamel spezzjoni f'Kemuna u fejn hemmhekk kien sab lill-imputat fuq il-batisment Georgea 2 fil-bajja tal-Blue Lagoon u malli talab lill-imputat id-dokumenti tal-bastiment tal-awtorita' kompetenti u l-polza tal-assigurazzjoni, l-imputat stqarr li d-dokumenti ma kinux fuqu.

Illi tul il-process hareg li l-bastiment Georgea 2 nhar il-11 ta' Awissu 2014 u kif ukoll fil-granet ta' qabel ma kienx in regola u cioe' ma kellux ir-registrazzjoni mhallsa u lanqas ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni bix-xhieda prodotti minnha hemm bizzejjed provi sabiex l-imputat jinstab hati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet. Il-Qorti se tqis li l-ewwel zewg imputazzjonijiet jistghu jitqiesu bhala komprizi u ghalhekk se timponi multa komplessiva skont kif hemm indikat fit-tielet skeda (Reg. 45) tal-L.S. 499-52.

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni l-piena ghal tali reat huwa regolat bl-artikolu 43(1) tal-L.S. 499.52, liema multa hi ta' mhux anqas minn erbat elef, sitt mija u sittin ewro (€4,660) sa sitt elef, disa' mija u disgha

[1] Nhar l-10 ta' Marzu 2015
[2] Nhar id-19 ta' Mejju 2015

u disghin ewro (€6,999) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sitt (6) xhur jew multa u prigunerija flimkien.

Il-Qorti fil-piena li se timponi se zzomm quddiem ghajnejha li dawn ir-reati saru waqt perijodu ta' liberta' kundizzjonata u li l-imputat huwa ricediv.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 5(1) u 43(1) tal-LS499.52 u ta' regolament 45 tal-Iskeda 3 ta' LS499.52 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 22 tal-Kapitolu 446 u Artikoli 17, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh u tikkundannah multa komplessiva ta' hamest elef ewro (€5,000).

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-multa tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u erbghin Euro (€140), bl-ewwel pagament isir sal-ahhar ta' Frar 2016. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas din is-somma jew parti minnha fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**